**Press Notice 78**

# Pjan Nazzjonali għall-Bini b'użu ta' kważi enerġija *zero*

Ftit tal-ġimgħat ilu, l-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini (BRO) fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura ħareġ għall-kunsultazzjoni pubblika, ir-reviżjoni ta' dokument, magħruf bħala Dokument F, li jagħti gwida teknika ta' kif isir bini ġdid jew dak rinovat rigward effiċjenza fl-użu tal-enerġija bl-iffissar tar-rekwiżiti ġodda minimi.

Kif spjegat f'dan l-istess dokument, ir-reviżjoni kienet ibbażata fuq il-livell ottimali tar-rekwiżiti minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija fil-bini. Dak kien pass ieħor 'il quddiem u intermedjarju għal bini iżjed effiċjenti fl-użu tal-enerġija skont id-Direttiva 2010/31/EU u t-transpożizzjoni tagħha fl-Avviż Legali Lokali 376/2012.

Id-dokument jgħin ukoll biex l-industrija tal-kostruzzjoni tkompli taġġorna għaż-żminijiet moderni u tissaħħaħ għall-pass li jmiss, jiġifieri bini b'użu ta' kważi enerġija *zero*.

Il-Pjan Nazzjonali jkompli jsegwi l-istess Direttiva li kull Stat Membru fl-Unjoni Ewropea għandu jagħmel sabiex il-bini ikun b'użu ta' kważi enerġija żero, skont il-bini u l-klima tal-pajjiż. Din hija l-mira li jmiss, li Malta għandha tilħaq skont l-istess Direttiva. Dan il-Pjan Nazzjonali għall-Bini b'użu ta' kważi enerġija *zero* huwa dokument importanti ħafna, mhux biss għall-industrija tal-kostruzzjoni imma għal Malta sabiex tnaqqas il-konsum tal-enerġija u tieħu ħsieb is-saħħa tal-Maltin u kull min iżurha.

Għalhekk, kemm individwi, kif ukoll l-istituzzjonijiet konċernati huma mħeġġa ħafna li jiflu d-dokument fuq is-sit elettroniku www.epc.gov.mt u jekk jaraw li jistgħu jgħinu sabiex jitjieb dan il-Pjan Nazzjonali, jiktbu lill-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini fuq bro.mti@gov.mt jew iċemplu fuq 22927134 biex jitolbu laqgħa dwar l-istess suġġett.

Din il-konsultazzjoni pubblika tagħlaq fit-30 ta' Settembru 2015.